**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

**SEBA' LEĠISLATURA**

# Laqgħa Numru 81

**04 ta' April, 2019**

Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fis-sitta ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Max Zammit – Sindku
Ronald Portelli – Viċi Sindku
Eugenio Muscat – Kunsillier
Frank Roe – Kunsillier
Louise Cachia Castelletti - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Matthew Dimech – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.

### 81.1 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv;

81.1.1 Is-Segretarju qara r-rapport tal-għażla ta' Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill iddiskuta r-rapport, u qabel b'mod unanimu mal-għażla tas-Sin. Yasmine Tonna sabiex timla l-vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv.

81.1.2 Il-Kunsill qabel ukoll illi din id-deċiżjoni tigi ikkomunikata lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u l-Ministeru.

### 81.2 Ħatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv

81.2.1 Il-Kunsill innota illi l-ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżenti tiskadi f'nofs Mejju. Il-Kunsill talab lis-Sur Dimech jekk jaccettax li jkompli jokkupa l-kariga ta' Deputat wara dan it-terminu. Is-Sur Dimech aċċetta.

81.2.2 Is-Sindku ressaq il-bżonn li tiġi impjegata persuna oħra fuq skala 11. Il-Kunsill qabel.

### 81.3 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir it-Tnejn 15 ta' April, 2019 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta' filgħaxija.

Konfermati llum il-Ħamis 9 ta' Mejju 2019.

| | |
|---|---|
| Max Zammit | Matthew Dimech |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |